**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 213/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**
**vs**
**Sven Bonnici**

**Illum 20 ta' Settembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sven Bonnici detentur ta' karta tal-identita' nru 489100L.

Akkuzat talli fis-17 ta' Frar, 2017 fiz-Zejtun:

1. Ikkommetta serq ta' vettura tal-marka Suzuki Alto bin-numru ta' registrazzjoni CAO 904, li l-valur taghha ma jeccedix l-€2,329.37, ghad-detriment ta' Carmelo Delia miz-Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-lok u x-xorta tal-haga misruqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer:

2. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, u cioe' vettura tal-marka Suzuki Alto bin-numru ta' registrazzjoni CAO 904 u vettura tal-marka Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni CRL 672 ghad-dannu tal-istess Carmelo Delia u Mark Bajada rispettivament;

4. Saq vettura bil-mutur u cioe' vettura tal-marka Suzuki Alto bin-numru ta' registrazzjoni CAO 904 minghajr licenzja tas-sewqan u saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;

5. Bhala xufier tal-imsemmija vettura bil-mutur fit-triq li minhabba fiha jkun gara incident li fih tkun giet kagunata hsara lill-vettura ohra, naqas li jieqaf u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura, kif ukoll;

6. Uza l-istess vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba ghall-uzu tal-vettura minnu, ma kienitx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 26 t'Ottubru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid, fedina penali, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, stqarrija mmarkata bhala Dok Dok JF1[1], dokumenti minn Transport Malta mmarkati bhala Dok TM1, current incident report immarkat bhala Dok AZ1, current incident report immarkat bhala Dok EGA1, dokument immarkat bhala Dok

[1] A fol 17 tal-process

AP1, social inquiry report immarkat bhala Dok CF1[2] u nota ta' andament mill-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri.

L-Ispettur Johann Fenech jghid li fis-17 ta' Frar, 2017 WPS 219 Erika Galea hadet rapport gewwa l-Ghassa z-Zejtun li kienet insterqet vettura l-gurnata ta' qabel. Min ghamel ir-rapport ammetta li kien halla c-cavetta tal-vettura gewwa l-vettura tieghu li kienet ipparkjata gewwa d-dar tieghu u li kull ma kien insteraq kienet proprju c-cavetta tal-vettura. CCTV cameras ma kienx hemm fid-dintorni sabiex jghinu lill-pulizija fl-investigazzjoni taghhom. L-Ispettur Fenech izid jghid li fis-17 ta' Frar, 2017 iktar tard dahal rapport iehor fejn kien hemm habta bejn zewg vetturi fejn ir-roundabout tal-Airport ta' Malta, fejn wahda mill-vetturi setghet kienet din il-vettura misruqa. Il-pulizija li marru fuq il-post ikkonfermaw li fil-fatt kienet involuta l-vettura rraportata misruqa u cioe' Suzuki Alto CAO 904. Il-pulizija gabret informazzjoni minn nies li raw il-habta ssir, li gewwa l-vettura misruqa kien hemm zewg individwi maskili ta' eta' zghira li kienu qed jaharbu lejn it-tunnels ta' Hal Kirkop. Waqt search li saret gewwa l-vettura Suzuki Alto, instab Iphone abjad fuq is-seat tal-passiggier ta' quddiem u wara nvestigazzjonijiet minn naha tal-Pulizija, sabu li dan il-mowbajl kien jappartjeni lil certu Noah Saliba ta' hmistax-il sena. Noah Saliba u missieru marru l-ghassa taz-Zejtun fejn dan Saliba ammetta li kien mar dawra bil-karozza ma certu Sven Bonnici. L-Ispettur Johann Fenech bghat ghal dan Sven Bonnici li gie l-ghassa taz-Zejtun ma ommu u hemmhekk ikkopera bis-shih mal-Pulizija u rrilaxxja stqarrija.

Stephen Cachia rapprezentant ta' Transport Malta jghid li kien intalab jghamel ricerka fuq zewg vetturi u cioe' CRL 672 li hija vettura Toyota Yaris ta' kulur ahmar irregistrata fuq Mark Bajada u vettura CAO 904 tal-ghamla Suzuki Alto rregistrata fuq Carmelo Delia. Izid jghid li Sven Bonnici m'ghandu l-ebda kategorija ta' licenzja.

PS 1010 Andrea Zahra jghid li kien mar fuq il-post tal-incident fejn kellem lis-sid tal-vettura CRL 672 certu Caroline Bajada fejn din qalet li hasset daqqa fuq in-naha ta' wara tal-vettura taghha u nizlet mill-karozza biex tara xi hsara garbet u rat il-karozza li laqtitha titla' fuq is-central strip u hekk kif il-karozza wehlet fil-haxix, rat zewg zghazagh johorgu mill-vettura u jigru lejn il-mina ta' Hal Kirkop. Izid jghid li waqt search fil-

[2] A fol 75 tal-process

vettura CAO 904 huwa sab Iphone ta' kulur abjad fuq is-seat tan-naha tal-passiggier. Iktar tard, meta PS 1010 Andrea Zahra kien qieghed jghamel ir-rapport dwar dan l-incident, certu Noah Saliba dahal jirraporta li nsteraqlu l-mowbajl li kien Iphone abjad. Fil-fatt meta gie muri l-Iphone abjad li kien ingabar mis-seat tan-naha tal-passiggier minn gol-vettura CAO 904, Noah Saliba gharaf il-mowbajl bhala tieghu. Noah Saliba qal li l-mowbajl insteraqlu minn gewwa Birzebbugia minn zewg zghazagh u PS 1010 Andrea Zahra nfurmah li kienu se jiccekkjaw is-CCTV cameras fil-vicinanzi ta' fejn Noah Saliba qal li ra dawn iz-zghazagh jigru u jzommuh infurmat. L-ghada, Noah Saliba flimkien ma missieru regghu marru l-ghassa fejn Noah Saliba ammetta li huwa kien fil-vettura misruqa u cioe' CAO 904 flimkien ma certu Sven Bonnici u li kien ghalhekk li halla l-mowbajl tieghu hemm, izda jirrimarka li ma kienx ma Sven Bonnici meta nsterqet il-vettura.

WPS 219 Erika Galea tghid li fis-17 ta' Frar, 2017 certu Carmelo Delia mar jirrapporta li sakemm kien qieghed gewwa l-workshop tieghu gewwa z-Zejtun, insterqitlu l-vettura tieghu CAO 904. Carmelo Delia stqarr ma WPS 219 li ghamel hazin li halla c-cavetta tal-vettura inserita fl-ignition tal-karozza, avolja dik kienet l-uzanza tieghu ghal dawn l-ahhar erbghin sena. Zid jghid li l-gurnata ta' qabel ma ghamel dan ir-rapport, cioe' 16 ta' Frar, 2017 kienu nsterqulu c-cwievet tal-vettura u ghalhekk min seraq il-karozza ma kellu l-ebda problemi jghamel dan. Filwaqt li WPS 219 Erika Galea tikkonferma li l-bieb tal-garaxx qieghed ezatt mal-bankina u mat-triq, ma setghetx tikkonferma x'tip ta' bieb tal-garaxx kien.

Carmelo Delia jikkonferma li huwa mar l-Ghassa taz-Zejtun jirrapporta li l-vettura tieghu tal-ghamla Suzuki Alto bin-numru ta' registrazzjoni CAO 904 kienet insterqitlu mill-garaxx. Jghid li gurnata qabel ipparkja l-karozza quddiem garaxx ta' sinjura bi ftehim maghha u halla c-cwievet tal-karozza fil-karozza sabiex jekk tigi din is-sinjura, ma jehlix hin ifittex cwievet, u jersqilha mill-ewwel. X'hin gie biex imur lura d-dar u ma sabx ic-cwievet tal-karozza, bghat lit-tifel sabiex igib ic-cavetta spare mid-dar u pparkja l-vettura fil-garaxx tieghu. Izid jghid li huwa baqa' fil-kcina jaqra sas-siegha u nofs ta' filghodu. Fil-ghodu, x'hin nizlet il-mara tieghu, intebhet li kien hemm il-garaxx miftuh u l-karozza misruqa. Il-valur tal-karozza hija bejn wiehed u iehor, seba' mija u disa' mitt ewro u apparti l-vettura, ma ntmiss xejn iktar fil-garaxx, liema garaxx jinfetah bir-

*remote control*. Carmelo Delia jghid li mac-cwievet tal-vettura li nsterqulu kellu anke c-cwievet tal-garaxx.

Dr. Anna Portelli li hija rapprezentanta tal-Argus Insurance, ikkonfermat li l-vettura tal-ghamla Suzuki Alto bin-numru tar-registrazzjoni CAO 904 kienet registrata fuq Carmelo Delia u l-valur taghha kien ta' hames mitt ewro.

Caroline Bajada tghid li dak inhar tal-incident fejn ir-roundabout tal-Airport hija kienet mixja bil-mod u fil-pront hasset daqqa minn warajha u meta harset mill-mera rat persuna tohrog mill-vettura u ghalhekk kienet se tohrog hi. Il-persuna li dahlet fil-vettura ta' Caroline Bajada rega' dahal fil-vettura tieghu, irriversja u qabez fuq il-lane l-iehor, tela' fuq is-central strip u halla l-karozza hemmhekk miftuha. Caroline Bajada rat zewg guvintur jaharbu jigru. Hija zzid tghid li l-vettura taghha hija tal-ghamla Toyota Yaris in-numru tar-registrazzjoni CRL 672 u l-hsara li garrbet kien bumber maqlugh.

Noah Saliba jghid li ilu jaf lill-imputat mindu kellhom ghaxar snin u dejjem kienu jkunu flimkien. Huwa jghid li dak inhar tal-incident huwa kien id-dar meta Sven Bonnici bghatlu messagg fejn infurmah li ghandu karozza u ofrielu li jghaddi ghalih biex imorru dawra biha u jergghu jitfghuha f'postha. Noah Saliba accetta li jmur dawra ma Sven izda qallu li ahjar jghaddi ghalih meta jidlam. Fil-fatt, Sven Bonnici ghadda ghal Noah Saliba u marru sal-McDonalds, izda fit-triq, ghal xi raguni, Sven aljena rasu u baqa' diehel bumper to bumper ma Caroline Bajada. Kemm Sven u kemm Noah bezghu u harbu minn fuq il-post. Wara l-incident Noah Saliba mar jghamel rapport l-Ghassa z-Zejtun li nsteraqlu l-mowbajl mentri fil-fatt il-mowbajl kien waqghalu gol-vettura qabel ma harab ma Sven minn fuq il-post tal-incident. Wara li ghamel rapport falz, mar spjega lill missieru l-verita' ta' dak li kien gara u missieru kkonvincih li ahjar jerga' jmur l-Ghassa u jghid il-verita' mal-Pulizija biex jevita iktar inkwiet. Sven Bonnici qal lil Noah Saliba li sab il-vettura vicin il-bandli taz-Zejtun bic-cwievet go fiha.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-*social inquiry report* tal-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri fejn tghid li Sven Bonnici kien imrobbi minn ommu stante li tilef lil missieru meta kien ghadu zghir. Izzid tghid li avolja Sven tifel sew, dan l-ahhar beda jhabbatha lill-ommu. Fil-fatt mill-urine samples li ttiehdulu, dejjem kien clean izda l-ahhar sample irrizulta

posittiv ghal kokaina. L-Ufficjal tal-Probation ma setghetx taghti ndikazzjoni ta' x'piena tista' tissuggerixxi stante li ghadha qed tistenna r-rizultati tad-demm minn naha ta' Mater Dei rigward jekk l-imputat kienx abbuza mid-droga kokaina jew le, stante li wara li hargu r-rizultati tal-urine sample, huwa cahad li qatt ha droga.

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel (1) akkuza din ma tistax tigi ikkunsidrata bhala ppruvata u dan peress li m'hemm l-ebda prova li, l-imputat kien li seraq il-karozza Suzuki Alto CAO 904, f-istqarrija huwa jtenni li sabha u iddecieda li jmur dawra biha, l-istess jikkonferma l-habib tieghu Noah Saliba li jghid li l-imputat huwa habib tieghu u kien qallu li sab karozza biex imorru dawra biha kif fil-fatt ghamlu. Izda l-Qorti m'ghandiex prova li fil-fatt din il-karozza insterqet mill-imputat, anzi temmen lill-istess Noah Saliba u lill-imputat kif qal fl-istqarrija tieghu li fil-fatt din il-karozza huwa sabha.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuza dawn kollha jirrizultaw.

Rigward is-sitt (6) akkuza, din l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-imputat stess. L-imputat ma gab l-ebda prova fir-rigward din l-akkuza, ghalhekk tinsab ippruvata.

It-tieni (2) akkuza hija dik tar-ricetazzjoni. Il-prova tal-valur ta' l-oggett misruq u cioe' Suzuki Alto CAO 904 tezisti a fol 59 tal-process u hija vettura li tiswa' hames mitt Ewro (€500). L-imputat sab il-vettura f'ghalqa bic-cwievet go fiha. F'dak il-kaz li kellu jaghmel l-imputat kien, li jhalliha fejn hi u jirraporta lill-pulizija li sab vettura, mhux jehodha u jmur dawra biha[3]. Hemmhekk l-imputat irrenda ruhhu hati tar-ricetazzjoni ghaliex imissu nduna li xi haga ma kenitx sewwa, li ssib karozza abbundata bic-cwievet go fiha ma hix invit biex il-karozza tittiehed minn jmin sabha.

[3] "Il-Pulizija vs. John Briguglio" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li *:- "Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il- provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Illi rigward it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza dawn gew pruvati kollha kemm huma, permezz tax-xhieda moghtija minn Caroline Bajada li ma giet bl-ebda mod kontradetta. Rigward il-livell ta' sewqan li permezz tieghu kien ghaddej l-imputat ghal dak li jirrigwarda r-raba' (4) akkuza, il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien qed isuq bla kont[4] u dan kif jirrizulta' mix-xhieda ta' l-istess Caroline Bajada.

Ghal dak li jirrigwarda piena, il-Qorti ma thossx li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva, anzi qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera mal-ewwel mal-Pulizija, il-fedina penali nadifa tieghu u l-eta' tieghu. Tissollecitah anzi biex juza' din l-opportunita' lilu moghtija sabiex jirriforma ruhhu.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 267, 269(c), 271(g), 279(a), 280(1), 334 u 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, 67(1) ta' l-L.S. 65.11 u 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda flok taghti sentenza ta' prigunerija, permezz ta' l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta' probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni ta' Probation u l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

---

[4]Il-Pulizija vs Alfred Mifsud tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) *"Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji."*

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**